MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2007

Avviz Numru. 130/1998/1

Joseph u Mary konjugi Attard

Vs

Peter Bugeja

Il-Qorti,

Rat l-avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas ta’ mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220) bilanc minn somma akbr dovut ghal hlas ta’ xoghol ta’ mastrudaxxa maghmul fuq ordni u ghall-beneficcju tal-konvenut.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li permezz taghha l-konvenut ecepixxa li l-ebda hlas m’huwa dovut u anzi huwa l-attur li ghandu jirrifondi s-somma ta’ mija u tmenin lira Maltija (Lm180).

Semghet il-provi u s-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri tal-partijiet.

Rat l-atti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Frar 2007 li permezz tieghu l-kawza giet differita ghas-sentenza ghal-lum.

Ikkunsidrat:-

Mill-provi rrizulta li:-

(a) Il-konvenut ordna railing tal-injam (prezz ta' disgha mitt lira Maltija [Lm900]) u bieb ta' barra (prezz ta' erbgha mija u tmenin lira Maltija [Lm480]) minghand l-attur. Ghalhekk il-prezz komplessiv tax-xoghol kien ta' elf tlett mija u tmenin lira Maltija (Lm1,380).
(b) Meta saret l-ordni tar-railing (20 ta' Awwissu 1994), il-konvenut hallas is-somma ta' Lm300 bhala hlas akkont[1].
(c) Saru pagamenti ohra matul iz-zmien. F'dan ir-rigward il-konvenut ezebixxa numru ta' ricevuti li huma ffirmati mill-attur (ara fol. 31 – 34), u li meta wiehed ighodd l-ammonti ndikati jsib is-somma ta' elf mitejn u sitting lira Maltija (Lm1,260).
(d) Il-konvenut kien imsiefer u l-pagamenti kienet taghmilhom ommu (Angiolina Bugeja). L-ahhar pagament li sar kien ta' Lm160 li ghamlu l-konvenut.

Min-naha taghhom l-atturi qeghdin jargumentaw li wahda mir-ricevuti[2] hija doppja fis-sens li qeghda tirreferi ghall-istess pagament, filwaqt li l-konvenut qieghed isostni li r-ricevuti kollha jirreferu ghall-pagamenti li kienu saru u li meta wiehed jaghmel il-konteggi jirrizulta li huwa hallas zejjed is-somma ta' mija u tmenin lira Maltija (Lm180) lill-atturi. Utli li jigi ccitat ukoll bran mis-sentenza ***Carmelo Farrugia v Rokku Farrugia***, Qorti Civili, 24 ta' Novembru 1966 fejn l-Imhallef Maurice Caruana Curran esprima ruhu hekk:- *"mhux kwalunkwe tip ta' konflitt ghandu jhalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessita` li minhabba fih ma*

[1] Fol. 30.
[2] Dik a fol. 33 tal-process fejn jinghad li thallset is-somma ta' erbgha mitt lira Maltija (Lm400) bhala hlas akkont u fadal bilanc.

*tkunx tista' tiddeciedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola ta' l-"in dubio pro reo". Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soggett ghal l-izbalji tal-percezzjonijiet tieghu u ghall-passjoni, huma haga li l- Qrati jridu jkunu dejjem lesti ghaliha … … . Meta l-kaz ikun hekk, il-Qorti m'ghandhiex taqa' comb fuq l-iskappatoja tad-dubju, imma ghandha tezamina bl-akbar reqqa jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilita` u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawza civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant … … . Anzi, f'kazijiet bhal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn versjoni u ohra, aktar tidher il-possibilita` tal-qerq da parti ta' xi wiehed mill-kontendenti".*

L-atturi jargumentaw li l-oneru tal-prova tal-pagament huwa fuq il-konvenut. Il-Qorti taqbel ma' dan ir-ragunament. Min-naha tieghu l-konvenut qieghed isostni li r-ricevuti huma prova fihom infishom li l-kont thallas kollu, u anzi thallas iktar milli suppost. In linea ta' massima jinsab akkolt, ghall-iskop ta' l-attendibilita` u verosimiljanza tal-versjonijiet reciproci tal-kontendenti, illi l-kreditur jenhtieglu jipprova b'mod adegwat il-kreditu tieghu mentri d-debitur minn naha tieghu jrid jaghmel il-prova tal-pagament lil hinn middubbju ragonevoli. Dan qed jigi sottolinejat in kwantu hu generalment accettat illi f' kaz ta' dubbju dan kellu jkun rizolt favur l-attur kreditur li ma kellux dan l-istess oneru (**Kollez. Vol. XXXV P III p 604**).

A fol. 31 tal-process hemm ricevuta ffirmata mill-attur li taqra hekk:-

***"Thallas Lm400 bhala parti mill-kont tal-bieb ta' barra. It-Lm80 l-ohra jithallsu meta jitpogga l-bieb"***.

A fol. 33 tal-process hemm ricevuta ohra ffirmata mill-attur li taqra hekk:-

***"Illum thallas parti mill-kont tal-bieb ta' barra. Stima ta' prezz tal-bieb ta' barra imwahhal u kollox lest huwa ta' Lm480. Illum thallas parti mill-kont ta' Lm400. Il-bqija tal-ammont jithallsu wara li jigi mwahhal"***.

Il-vertenza kollha hija dwar dawn iz-zewg ricevuti, in kwantu l-atturi qeghdin isostnu li dawn ir-ricevuti jirreferu ghall-istess pagament filwaqt li l-konvenut qieghed isostni li r-ricevuti jirreferu ghal zewg pagamenti li saru f'okkazzjonijiet differenti minn ommu. L-attur xehed li wara li kien ircieva pagament akkont ta' Lm400 b'riferenza ghall-bieb, *"wara xi hmistax cemplitli omm il-konvenut, Golina Bugeja u dina qaltli biex immur inkellemha 'il ghaliex kellha xi problema. Jiena mort u dina qaltli li kienet tilfet il-karta fejn kienet kitbet l-ircevuta tal-hlas li kien sar. Peress li jiena ma nafx nikteb, din l-ircevuta giet miktubha minn missieri u dina kienet tghid li konna qeghdin nircievu l-ammont ta' erba' mitt lira (Lm400) bhala parti mill-prezz ta' dan il-bieb"*[3].

Ir-ricevuti a fol. 31 u 33 qeghdin it-tnejn li huma:-

(a) jirreferu ghall-pagament li sar fuq il-bieb ta' barra li kien jiswa Lm480.
(b) jiddikjaraw li sar pagament ta' Lm400 u fadal bilanc x'jithallas.
(c) jipprovdu li l-bilanc (ta' Lm80) jithallas meta jitwahhal il-bieb.

Il-Qorti hija tal-fehma li huwa iktar verosimili li omm il-konvenut ghamlet pagament wiehed milli tnejn fir-rigward tal-bieb ta' barra. Hi stess xehedet[4] waqt il-kontro-ezami li l-pagamenti kienu saru f'temp ta' xahar jew xahrejn (ghalkemm iddikjarat li ma setghetx tghid ezatt). Fil-fehma tal-Qorti m'huwiex verosimili li f'dak l-intervall hekk qasir sar it-tieni pagament ta' Lm400 ghall-istess oggett li kien jiswa Lm480 u jerga' jinghad li l-bilanc jithallas meta jitwahhal il-bieb. Huwa ferm improbabbli li f'dak iz-zmien hekk qasir il-partijiet kienu nsew li mill-prezz ta' Lm480

[3] Fol. 10.
[4] Fol. 59

ghall-bieb kienet diga' thallset is-somma ta' Lm400 u kien ghad fadal biss bilanc ta' Lm80, u Angiolina Bugeja ghamlet pagament doppju. Tista' tghid li z-zewg ricevuti huma identici u qeghdin jirreferu ghall-istess oggett (il-bieb ta' barra). Lanqas ma jirrizulta li kien hemm xi kwistjonijiet bejn il-partijiet u/jew xi motiv min-naha tal-attur biex jipprova jqarraq u jithallas darbtejn tal-istess oggett. Inoltre, il-Qorti tara stramb ukoll kif omm il-konvenut xehedet[5] li meta gie lura binha minn barra, kien ghad fadal xi bilanc x'jithallas lill-attur. Jekk l-affarijiet graw bil-mod li qieghed jargumenta l-konvenut, meta rritorna lura lejn Malta ma kien fadal ebda bilanc x'jithallas lill-attur, anzi kien ikun diga' hallas iktar milli suppost ghax-xoghol li ordna minghand l-attur. Fatti li jkomplu jdghajjfu l-verzjoni tal-konvenut. Ghalhekk il-Qorti temmen li l-verzjoni moghtija mill-attur hija iktar verosimili minn dik tal-konvenut.

Ghaldaqstant, il-Qorti fiwlaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut qeghda tilqa' t-talba ta' l-atturi u tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' mitejn u ghoxrin lira Maltija (Lm220).

Bl-ispejjez kontra l-konvenut kif mitluba fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[5] In kontro-ezami (seduta tas-26 ta' Marzu 2004) (fol. 58).